MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2013

Numru. 558/2013

**PULIZIJA**
**SPETTUR FABIAN FLERI**

**VS**

**ANTHONY FRENDO**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Anthony Frendo, detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 469566 (M).

**Akkuzat talli:**

Fil-lejl ta` bejn it-18 u id-19 ta` Ottubru, 2007, mill-hanut bl-isem ta` **Cali** li jinsab numru 69, Triq Santu Wistin,

Rabat (Malta) ikkommetta serq ta` *jeans* u flokk li l-valur taghhom ma jeccedix il-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin ewro centezmu (€232.94) u liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-hin u dan ghad-deteriment ta` Carmel Lawrence Bonello u/jew persuna/i ohra;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` ghamel hsara fil-vetrina tal-imsemmi hanut, ghad-dannu ta` Carmel Lawrence Bonello, liema hsarat huma ta` anqas minn mija u sittax ewro u sebgha` u erbghin centezmu (€116.47) ekwivalenti ghal hamsin Lira Maltija (LM50);

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sar recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti ta` Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

**Il-Qorti:**

Wara li rat l-Artikoli 49, 50, 261 (b), 261 (f), 263 (a), 270, 278 (2), 289, 325 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li semghet il-provi prodotta u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni, u billi thoss li perjodu ta` prigunerija effettiva f'dan il-kaz mhux sejra taghmel gid lill-imputat, qiedgha tpoggieh taht ordni ta` *Probation* ghal tlett (3) snin mill-lum u dan taht l-Artikolu 7 (1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti innotat lill-imputat ghadda mitejn ewro (€200) in awla lill-Parte aggravata.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------